Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/778

31.3.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/778

tat-30 ta' Marzu 2026

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/583 dwar operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Frar 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/583 ([1]) li stabbiliet l-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES).

(2) Fid-19 ta' Frar 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/632 ([2]), li nediet l-EUNAVFOR ASPIDES b'mandat sat-18 ta' Frar 2025.

(3) Fl-14 ta' Frar 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/334 ([3]), li estendiet l-EUNAVFOR ASPIDES sat-28 ta' Frar 2026.

(4) Fis-26 ta' Novembru 2025, fil-kuntest tar-rieżami strateġiku tal-EUNAVFOR ASPIDES u tal-valutazzjoni strateġika tal-EUNAVFOR ATALANTA, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) qabel li l-EUNAVFOR ASPIDES tiġi estiża sat-28 ta' Frar 2027.

(5) Barra minn hekk, il-KPS irrakkomanda li minbarra l-kompiti mhux eżekuttivi attwali tagħha biex tiżgura l-għarfien tas-sitwazzjoni marittima, jenħtieġ ukoll li l-EUNAVFOR ASPIDES, skont il-mezzi u l-kapaċitajiet tagħha, tiġbor u tikkondividi informazzjoni dwar attivitajiet suspettużi relatati mal-infrastrutturi kritiċi sottomarini, tħarreġ lill-forzi marittimi tal-Djibouti u tikkoopera mal-Gwardja tal-Kosta tal-Jemen, filwaqt li torbot dawk il-kompiti ma' inizjattivi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari CRIMARIO, assistenza tal-UE għall-Gwardja tal-Kosta tal-Jemen u l-miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi b'appoġġ għall-Forzi Armati tal-Djibouti.

(6) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/583 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/583, is-sentenza li ġejja tiżdied mal-paragrafu 6:

"L-EUNAVFOR ASPIDES għandha wkoll, skont il-mezzi u l-kapaċitajiet tagħha, tiġbor u tikkondividi informazzjoni dwar attivitajiet suspettużi relatati mal-infrastrutturi kritiċi sottomarini, tħarreġ lill-forzi marittimi tal-Djibouti u tikkoopera mal-Gwardja tal-Kosta tal-Jemen, filwaqt li torbot dawk il-kompiti ma' inizjattivi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari CRIMARIO, assistenza tal-UE għall-Gwardja tal-Kosta tal-Jemen u l-miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi b'appoġġ għall-Forzi Armati tal-Djibouti."

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/583 tat-8 ta' Frar 2024 dwar operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) (ĠU L, 2024/583, 12.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/583/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/632 tad-19 ta' Frar 2024 li tniedi l-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) (ĠU L, 2024/632, 20.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/632/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/334 tal-14 ta' Frar 2025 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/583 dwar operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) (ĠU L, 2025/334, 17.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/334/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

M. PANAYIOTOU